# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI KOKOTT

ippreżentati fit-12 ta' Frar 2009 [1]

## I — Introduzzjoni

1. Dan il-proċediment jirrigwarda tilwima bejn l-Ente per le Ville vesuviane (iktar 'il quddiem l-"Ente") u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni") dwar it-twaqqif ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) għall-proġetti tal-Ente.

2. L-Ente hija korporazzjoni li tinkludi fiha lill-Istat Taljan, ir-Reġjun ta' Campania, u l-Provinċja ta' Napli kif ukoll diversi muniċipalitajiet. Din ġiet stabbilita bil-Liġi Nru 578 tad-29 ta' Lulju 1971 bil-għan li tipproteġi u ssebbaħ il-bini arkitettorali tal-Ville Vesuviane tas-seklu XVIII u d-dipendenzi tagħhom.

3. B'sentenza tat-18 ta' Lulju 2007 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") [2] il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala infondat ir-rikors li permezz tiegħu l-Ente kkontestat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq it-twaqqif tal-għajnuna finanzjarja mill-ERDF.

4. Bl-appell tagħha l-Ente qed tfittex mill-ġdid li tikseb b'mod definittiv l-annullament ta' din id-deċiżjoni. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni ppreżentat appell li permezz tiegħu hija tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tiddikjara minnufih li r-rikors kien inammissibbli peress li l-Ente mhijiex direttament ikkonċernata u għalhekk ma għandhiex *locus standi* biex taġixxi.

5. Għalhekk din il-proċedura toffri l-opportunità sabiex tiġi kkunsidrata iktar fil-fond il-kwistjoni tal-interess dirett tal-appellanti fir-rigward tal-għajnuna mill-ERDF.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.
2 — Sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Ente per le Ville vesuviane (T-189/02).

## II — Il-kuntest ġuridiku

6. Il-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punti 1 sa 3 tas-sentenza appellata, esponiet il-kuntest ġuridiku bil-mod li ġej:

1. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) twaqqaf bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 724/75 tat-18 ta' Marzu 1975 li jwaqqaf Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, emendat f'diversi okkażjonijiet u sussegwentement sostitwit, b'effett mill-1 ta' Jannar 1985, mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1787/84 tad-19 ta' Ġunju 1984 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Fl-1988, is-sistema tal-fondi strutturali ġiet irriformata bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-ħidmiet tal-Fondi Strutturali u l-effikaċja tagħhom u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħra.

2. Fid-19 ta' Diċembru 1988, il-Kunsill adotta r-Regolament (KEE) Nru 4254/88 li jipprovdi dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, p. 15). Ir-Regolament Nru 4254/88 issostitwixxa r-Regolament Nru 1787/84. Dan ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2083/93 tal-20 ta' Lulju 1993 li jipprovdi dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 193, p. 34).

3. L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88, bit-titolu "Dispożizzjonijiet tranżitorji", jipprovdi: "Dawk il-partijiet tassomom intiżi sabiex tingħata għajnuna għall-proġetti deċiżi mill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar 1989 taħt l-ERDF u li ma kinux is-suġġett ta' talba għal ħlas finali lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 1995 għandhom jiġu rrilaxxati awtomatikament mill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 1995, mingħajr preġudizzju għal dawk il-proġetti li huma s-suġġett ta' sospensjoni għal raġunijiet ġudizzjarji".

## III — Il-fatti u l-proċedura fl-ewwel istanza

7. Fuq talba tal-Ente, l-Istat Taljan talab lill-Kummissjoni għajnuna finanzjarja mill-ERDF għall-investiment fl-infrastruttura biex jiġu rrestawrati tlieta minn dawn il-vilel. B'deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 1986 indirizzata lir-Repubblika Taljana (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-għoti" [3]), il-Kummissjoni tat għajnuna finanzjarja mill-ERDF għall-iżvilupp ta' dawn il-vilel għall-finijiet turistiċi.

3 — Deċiżjoni C (86) 2029/120 tad-Direttorat Ġenerali għall-"Politika Reġjonali" tal-Kummissjoni Ewropea.

8. Fid-deċiżjoni tal-għoti l-Ente ġiet innominata kemm bħala benefiċjarja tal-għajnuna (it-tielet premessa u l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni), kif ukoll bħala responsabbli għall-applikazzjoni u t-twettiq tal-proġett (anness mad-deċiżjoni).

9. Skont l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-għoti, il-Kummissjoni tista' tnaqqas jew tħassar l-għajnuna finanzjarja mill-ERDF jew teżiġi li titħallas lura fil-każ li ma jitħarsux il-kundizzjonijiet elenkati fid-deċiżjoni, partikolarment fir-rigward tal-perijodu taż-żmien mogħti għall-implementazzjoni tal-proġett. Barra minn hekk, l-Artikolu 4 jipprovdi li t-tħassir jew talba għar-rimbors jista' jsir biss kemm-il darba l-benefiċjarju jingħata l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonjiet tiegħu.

10. Il-Kummissjoni għamlet żewġ ħlasijiet, fl-1988 u fl-1990 rispettivament, skont din id-deċiżjoni.

11. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88, kif emendat bir-Regolament Nru 2083/93, it-talbiet għal ħlas finali ta' għajnuna mill-ERDF kellhom jintbagħtu lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 1995, ħlief għall-proġetti suġġetti għal sospensjoni għal raġunijiet ġudizzjarji.

12. Bl-ittra tad-29 ta' Marzu 1995, l-Istat Taljan talab lill-Kummissjoni tagħtih estensjoni ta' dan it-terminu filwaqt li sostna li l-proġetti kienu ġew sospiżi għal raġunijiet ġudizzjarji skont is-sens tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88, u għalhekk talba għall-ħlas finali ma setgħetx tintbagħat fiż-żmien previst.

13. Bl-ittra tat-12 ta' Ottubru 2001, il-Kummissjoni infurmat lill-Italja li kellha l-ħsieb twaqqaf l-għajnuna finanzjarja. Il-Kummissjoni kkunsidrat li t-terminu għall-preżentazzjoni tal-kontijiet taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88 kien skada u, kuntrarjament għal dak li ħasbu l-awtoritajiet Taljani, ma kienx hemm raġunijiet biex jiġi estiż it-terminu taħt l-imsemmi Artikolu 12.

14. Bl-ittra tat-13 ta' Marzu 2002, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Italja bid-deċiżjoni finali tagħha li twaqqaf l-għajnuna finanzjarja tal-ERDF abbażi tat-talbiet għal ħlas mibgħutin qabel il-31 ta' Marzu 1995 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata" [4]).

15. Peress li l-Italja kienet ippreżentat biss talba waħda għal ħlas ta' ammont parzjali, li kien inqas mis-somom li kienet diġà rċeviet

4 — Deċiżjoni D(2002) 8101111 prot. 102504 tad-Direttorat Ġenerali għall-"Politika Reġjonali" tal-Kummissjoni Ewropea.

bil-quddiem, l-Italja hija issa, minn naħa, obbligata li tħallas lura d-differenza li tirriżulta u, min-naħa l-oħra, hija ma tistax tirċievi ħlasijiet oħra mill-ERDF għall-proġetti inkwistjoni.

16. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni sostniet li la d-deċiżjoni u lanqas kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt Komunitarju ma jpoġġu lill-Istat Membru taħt obbligu li jeżiġi l-ħlas lura mill-Ente, bħala l-benefiċjarja, tal-ammonti diġà mħallsa.

17. L-Ente ppreżentat rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2002 quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

## IV — Is-sentenza appellata

18. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat fl-ewwel lok li, kuntrarjament għall-fehma tal-Kummissjoni, ir-rikors huwa ammissibbli. Skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-Ente hija direttament ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata u għalhekk għandha *locus standi* skont is-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE.

19. Fil-mertu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors għal annullament tal-Ente għaliex kien infondat. Permezz tal-ewwel motiv tagħha, l-Ente sostniet li l-Kummissjoni għamlet żball meta kkunsidrat li l-kundizzjonijiet għal estensjoni minħabba raġunijiet ġudizzjarji taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2083/93 ma kinux sodisfatti u li għalhekk it-talba għall-ħlas ma kinitx intbagħtet fil-ħin. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

20. Permezz tat-tieni motiv tagħha, l-Ente lmentat li l-Kummissjoni ma tathiex il-possibbiltà li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u kien hemm ksur tad-drittijiet taddifiża tagħha. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet f'dan ir-rigward li, għalkemm l-Ente kellha d-dritt li tinstema', f'dan il-każ, in-nuqqas ta' smigħ ma wassalx għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, minkejja l-istedina min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza, l-Ente ma indikat l-ebda element li seta' jwassal għal deċiżjoni differenti kieku l-Kummissjoni semgħet lill-Ente.

21. Minbarra dan, l-Ente lmentat li l-Kummissjoni ma eżaminatx suffiċjentement il-fatti u li kien hemm nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat ir-rikors infondat anki minn dan l-aspett.

## V — L-appell

22. L-appell tal-Ente huwa bbażat fuq żewġ aggravji. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha hija tallega fis-sustanza ksur tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, hija tikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li, fl-għoti tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma kisritx id-drittijiet tad-difiża tal-Ente.

23. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, ippreżentat appell ukoll. Hija tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tiddikjara r-rikors inammissibbli minħabba nuqqas ta' *locus standi* tal-Ente.

24. B'mod iktar preċiż, il-partijiet jitolbu dan li ġej:

25. Fil-kawża C-455/07 P li tirrigwarda l-appell tal-Ente, din tal-aħħar qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla parzjalment is-sentenza appellata u, konsegwentement, tiddikjara n-nullità tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea D(2002) 810111, irreġistrata taħt in-Nru 102504, tat-13 ta' Marzu 2002, kif ukoll, meta jkun meħtieġ u sa fejn huwa raġonevoli, in-notifika tat-12 ta' Ottubru 2001 tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali tal-Kummissjoni Ewropea;

— sussidjarjament, tannulla parzjalment is-sentenza appellata u tibgħat il-kawża lura lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiddeċiedi l-mertu ta' din il-kawża fid-dawl tal-indikazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tipprovdi għal dan il-għan;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-kawża kif ukoll għal dawk tal-proċedura fl-ewwel istanza.

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni titlob li l-appell tal-Ente jiġi miċħud u li l-Ente tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

26. Fil-kawża C-445/07 P li tirrigwarda l-appell tal-Kummissjoni, din tal-aħħar qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata sa fejn din tiddikjara ammissibbli r-rikors għal annullament ippreżentat mill-Ente per le Ville vesuviane;

— tiddikjara inammissibbli r-rikors għal annullament tal-Ente per le Ville vesuviane kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D(2002) 810111 tat-13 ta' Marzu 2002;

— tikkundanna lill-Ente per le Ville vesuviane għall-ispejjeż ta' din il-proċedura kif ukoll għal dawk tal-proċedura tal-ewwel istanza.

Min-naħa tagħha, l-Ente titlob iċ-ċaħda tal-appell tal-Kummissjoni kif ukoll il-kundanna ta' din tal-aħħar għall-ispejjeż.

## VI — Evalwazzjoni

### A — *L-appell tal-Kummissjoni*

27. Fl-appell tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kellhiex tiddeċiedi l-mertu tal-kawża iżda kellha tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli.

#### 1. L-ammissibbiltà tal-appell

28. L-ammissibbiltà tal-appell tal-Kummissjoni tista' tkun dubjuża peress li, meta ċaħdet ir-rikors bħala infondat, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat b'mod definittiv sentenza favorevoli għall-Kummissjoni.

29. Huwa veru li l-Ente per le Ville vesuviane ma qajmitx l-inammissibbiltà tal-appell tal-Kummissjoni. Madankollu, din għandha tiġi eżaminata *ex officio* [5]. Il-Kummissjoni nfisha tittratta b'mod estensiv il-kwistjoni tal-ammissibbiltà tal-appell tagħha fl-osservazzjonijiet tagħha.

30. Bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jista' jsir appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li jikkonkludu l-proċediment jew li jikkonkludu kwistjoni proċedurali.

31. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-appell tagħha kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza huwa ammissibbli inkwantu huwa appell kontra deċiżjoni li tikkonkludi kwistjoni proċedurali.

5 — Sentenza tas-26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer (C-23/00 P, Ġabra p. I-1873, punt 46).

32. Dan l-argument ma jistax jiġi milqugħ għaliex f'dan il-każ ma teżisti l-ebda kwistjoni proċedurali. Skont l-Artikolu 114 [6] tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, biex ikun hemm din il-kwistjoni, huwa indispensabbli li l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà titqajjem b'*att separat* skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut. Fil-każijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li kien hemm deċiżjoni li tikkonkludi kwistjoni proċedurali fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà tqajmet b'att separat [7].

33. Ir-rekwiżit ta' att separat jiggarantixxi proċedura trasparenti filwaqt li jiżgura li t-talba tiġi faċilment indentifikata bħala tali. Dan huwa importanti speċjalment billi kwistjoni proċedurali tinterrompi l-proċedura prinċipali. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jintwera lill-Qorti tal-Prim'Istanza permezz ta' att separat jekk eċċezzjoni tkunx qiegħda titqajjem bħala kwistjoni proċedurali. Jekk kwistjoni proċedurali tista' titqajjem fil-kuntest ta' atti oħra, ma jkunx hemm ċertezza dwar jekk din tkunx tinvolvi kwistjoni proċedurali jew le.

34. Madankollu, f'dan il-każ partikolari mhuwiex ikkontestat li l-Kummissjoni ma eċċepietx l-inammissibbiltà tar-rikors b'att separat. Għaldaqstant, ma kien hemm l-ebda kwistjoni proċedurali u, konsegwentement, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ma tistax tiġi kklassifikata bħala deċiżjoni li ttemm kwistjoni proċedurali.

35. Madankollu, l-appell tal-Kummissjoni huwa ammissibbli bħala appell kontra deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tikkonkludi proċediment. Fil-fatt, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jista' jitressaq appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja minn kull parti li tkun tilfet parzjalment jew għal kollox it-talbiet tagħha.

36. F'dan il-każ, fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-Kummissjoni talbet prinċipalment li r-rikors tal-Ente jiġi miċħud bħala inammissibbli. Kien biss sussidjarjament li talbet li r-rikors jiġi miċħud bħala infondat.

37. Peress li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat espressament l-ammissibbiltà tar-rikors billi ċaħditu biss għaliex kien infondat, il-Kummissjoni tilfet it-talba prinċipali tagħha u rebħet biss it-talba sussidjarja tagħha. Dan it-telfien parzjali jwassal għall-ammissibbltà tal-appell tal-Kummissjoni.

6 — Dan l-Artikolu jipprovdi li jekk parti titlob lill-Qorti tal-Prim'Istanza tiddeċiedi fuq l-ammissibbiltà, l-inkompetenza jew fuq kwistjoni, mingħajr ma tidħol fil-mertu, hija għandha tagħmel it-talba tagħha b'att separat. Id-dispożizzjoni ekwivalenti tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinstab fl-Artikolu 91 tipprovdi dan li ġej: "Talba minn waħda mill-partijiet lill-Qorti sabiex tagħti deċiżjoni dwar eċċezzjoni jew kwistjoni mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża għandha ssir permezz ta' att separat. It-talba għandha tesponi r-raġunijiet ta' fatt u ta' dritt li fuqhom hija bbażata [...]".

7 — Ara, fir-rigward ta' kawżi fejn kien hemm kwistjoni proċedurali, is-sentenzi tal- 21 ta' Jannar 1999, Franza vs Comafrica *et* (C-73/97 P, Ġabra p. I-185); tat-22 ta' Frar 2005, Il-Kummissjoni vs T-Mobile Austria (C-141/02 P, Ġabra p. I-1283, punti 50 u 51); u tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni (C-362/05 P, Ġabra p. I-4333).

38. Fil-fatt, fi proċedura għal miżuri provviżorji, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet li għandu jkun hemm biex eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li ma ġietx milqugħa tkun tfisser telf parzjali li fuqu jista' jiġi bbażat l-appell [8].

39. F'dik il-proċedura għal miżuri provviżorji, l-appellanti kienet ikkontestat l-ammissibbiltà tat-talba oriġinali fl-osservazzjonijiet tagħha quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza mingħajr ma "talbet formalment dikjarazzjoni tal-inammissibbiltà tat-talba" [9]. Il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li, f'sitwazzjoni bħal din, ma jistax jingħad f'appell li t-talba ġiet miċħuda biss għaliex infondata imma mhux għax kienet inammissibbli.

40. Meta, bħal f'dan il-każ, tkun saret *talba separata* sabiex ir-rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli, din għandha titqies bħala eċċezzjoni formali ta' inammissibbiltà li firrigward tagħha jista' jsir appell f'każ li din tiġi miċħuda.

41. Għaldaqstant il-konklużjoni intermedjarja tiegħi hija li l-appell tal-Kummissjoni huwa ammissibbli.

2. Il-fondatezza tal-appell

42. Fl-appell tagħha, il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-Ente kellha *locus standi.*

43. Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, kull persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra deċiżjoni li għalkemm indirizzata lil xi persuna oħra, tikkonċernaha direttament u individwalment. Mhuwiex ikkontestat li d-deċiżjoni kkontestata mhijiex indirizzata lill-Ente imma lill-Istat Taljan. Għalkemm jidher ċar li l-Ente hija individwalment ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata, madankollu hemm dubju dwar jekk din id-deċiżjoni tikkonċernahiex direttament ukoll.

44. F'żewġ sentenzi li jirrigwardaw ukoll il-waqfien tal-għajnuna finanzjarja mill-ERDF, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ntalbet tiddeċiedi dwar il-kriterju tal-interess dirett [10]. Iż-żewġ każijiet kienu jirrigwardaw rikorsi tar-Regione Siciliana kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li permezz tagħhom waqqfet l-għajnuna finanzjarja mill-ERDF.

8 — Digriet tal-President tal-Qorti tas-17 ta' Diċembru 1998, Emesa Sugar vs Il-Kunsill (C-363/98P(R), Ġabra p. I-8787, punti 43 *et seq.*)

9 — Digriet tal-President (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 44).

10 — Sentenzi tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (C-417/04 P, Ġabra p. I-3881) kif ukoll tat-22 ta' Marzu 2007, Regione Siciliana vs Kummissjoni (C-15/06 P, Ġabra p. I-2591).

45. F'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja rriferiet għall-ġurisprudenza kostanti li tipprovdi li l-kundizzjoni ta' interess dirett ta' persuna fiżika jew ġuridika fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata, imsemmija fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE fejn titlob li l-miżura Komunitarja kkontestata toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-persuna individwali u ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha li għandhom jimplementawha, peress li din hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, mingħajr applikazzjoni ta' regoli oħra intermedjarji [11].

46. Fis-sentenzi tagħha Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-konklużjoni li r-rikorrenti ma kinux ikkonċernati direttament mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward hija bbażat ruħha fuq il-fatt li d-deċiżjoni tal-għoti indikat lir-rikorrenti "bħala awtorità responsabbli għat-twettiq tal-proġett ERDF" [12], jiġifieri bħala "awtorità responsabbli mit-talba għall-għajnuna finanzjarja" [13], imma mhux bħala "intitolata għad-dritt għall-għajnuna" [14]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-istatus ta' awtorità responsabbli mit-talba ma ħoloqx relazzjoni diretta bejn l-appellanti fil-Kawża C-15/06 P u l-għajnuna Komunitarja, li ntalbet mill-Gvern Taljan u li ngħatat lir-Repubblika Taljana [15].

47. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Prim'Istanza sabet differenzi fir-rigward tal-fatti partikolari li fuqhom kienu bbażati s-sentenzi tar-Regione Siciliana li wassluha sabiex tirrikonoxxi l-interess dirett tal-Ente. Fl-ewwel lok, fid-deċiżjoni tal-għoti, l-Ente ma ġietx biss indikata bħala responsabbli għat-twettiq tal-proġett imma espressament bħala benefiċjarja. Fit-tieni lok, id-diskrezzjoni tal-Istat Taljan sabiex jiddeċiedi jekk għandux jitlob lura l-ħlas tal-għajnuna ma għandhiex rilevanza billi l-Istat Taljan kien diġà ħabbar, anki qabel id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li kellu l-ħsieb jirkupra l-flus imħallsa u li ma jintervjenix finanzjarjament. Fit-tielet lok, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, dritt ta' azzjoni huwa neċessarju sabiex l-Ente tkun tista' tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża tagħha.

48. Madankollu, id-differenzi bejn is-sitwazzjoni f'dan il-każ u dik fil-kawżi Regione Siciliana, li l-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat fis-sentenza appellata, ma jwasslux għal evalwazzjoni differenti minn dik magħmula f'dawn il-kawżi.

11 — Ara s-sentenzi tal-5 ta' Mejju 1998, Glencore Grain vs Il-Kummissjoni (C-404/96 P, Ġabra p. I-2435, punt 41); tal-5 ta' Mejju 1998, Dreyfus vs Il-Kummissjoni (C-386/96 P, Ġabra p. I-2309, punt 43); tad-29 ta' Ġunju 2004, Front national vs Il-Parlament (C-486/01 P, Ġabra p. I-6289, punt 34); tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (C-417/04 P, Ġabra p. I-3881, punt 28), u tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, Ġabra p. I-1451), punt 47).

12 — Sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 29).

13 — Sentenza tat-22 ta Marzu 2007, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 36).

14 — Sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 30).

15 — Sentenza tat-22 ta' Marzu 2007, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 36).

49. Fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummisjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Regione Siciliana ma kellhiex *locus standi*, billi l-funzjoni ta' awtorità responsabbli mit-twettiq tal-proġett ma kinitx timplika li r-rikorrenti kienet "hija nfisha intitolata għad-dritt għall-għajnuna".

50. F'dan il-każ partikolari, l-appellanti fl-ewwel istanza ġiet indikata bħala benefiċjarja fid-deċiżjoni kkontestata. Madankollu mid-deċiżjoni kkontestata ma jirriżultax li l-Ente ġiet irrikonoxxuta li għandha dritt għall-għajnuna taħt id-dritt Komunitarju. Fil-motivazzjoni tas-sentenza, lanqas il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kkunsidrat li l-Ente kellha dritt għall-għajnuna. Huwa l-Istat Taljan li talab lill-Kummissjoni għajnuna mill-ERDF għal miżuri infrastrutturali li kellhom jiġu mwettqa mill-Ente u huwa dan l-Istat li ngħata din l-għajnuna. Għalhekk, f'dan il-każ hija biss l-Italja li hija applikant, intitolata għad-dritt u destinatarja tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Konsegwentement, kienet korretta l-Kummissjoni meta fid-deċiżjoni tal-għoti tagħha indikat lill-Ente bħala "benefiċjarja" u mhux bħala li hija intitolata għad-dritt għall-għajnuna.

51. Madankollu, f'dan il-każ, jidher li r-rabta tal-Ente, fil-kwalità tagħha ta' "benefiċjarja", mal-għajnuna mill-ERDF hija iktar mill-qrib minn dik li kien hemm fil-każ tar-rikorrenti fil-kawżi Regione Siciliana fil-kwalità tagħhom ta' sempliċi "awtoritajiet responsabbli". Mis-sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni, ma jirriżultax li hija biss il-persuna intitolata għal dritt għall-għajnuna taħt id-dritt Komunitarju li jista' jkollha *locus standi.* Fiha ġie kkonstatat biss li l-persuna responsabbli mit-twettiq tal-proġett, li ma għandhiex dritt għall-għajnuna, ma għandhiex *locus standi.* Fis-sentenzi preċedenti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala bażi li l-miżura kkontestata għandha taffettwa s-*sitwazzjoni ġuridika* ta' persuna [16]. Għalhekk hemm bżonn li jiġi aċċertat jekk id-deċiżjoni kkontestata tolqotx is-sitwazzjoni ġuridika tal-Ente bħala benefiċjarja minkejja li din ma kinitx intitolata għal dritt għall-għajnuna finanzjarja taħt id-dritt Komunitarju.

52. F'dan ir-rigward, jista' jiġi argumentat li s-sitwazzjoni ġuridika tal-Ente tintlaqat sa fejn din tiġi esposta għat-talbiet ta' rimbors tal-għajnuna mill-Italja. Wara kollox, fil-kuntest ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jimponu fuq l-Istati Membri li jirkupraw is-sussidji li huma inkompatibbli mad-dritt Komunitarju, il-*locus standi* tal-impriżi kkonċernati huwa rrikonoxxut ukoll għalkemm dawn ma għandhomx dritt għall-għajnuna taħt id-dritt Komunitarju. Madankollu, l-Ente għandha tkun ukoll *direttament* ikkonċernata mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

53. Skont ġurisprudenza kostanti, individwu li ma jkunx indirizzat b'deċiżjoni tal-Kummissjoni huwa *direttament* ikkonċernat biss meta l-miżura Komunitarja kkontestata ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha li jkunu obbligati jimplemen-

16 — Sentenza Glencore Grain vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 41) u l-ġurisprudenza ċċitata.

tawha, peress li din hija ta' natura purament awtomatika [17].

54. Ir-rikorrent ma jkunx direttament ikkonċernat jekk bejn id-deċiżjoni Komunitarja u r-riperkussjonijiet tagħha fuqu tidħol ir-rieda awtonoma tad-destinatarju [18]. Meta d-deċiżjoni tad-destinatarju ma tkunx legalment meħtieġa mid-dritt Komunitarju jew mid-deċiżjoni speċifika tal-Kummissjoni, imma tkun ibbażata fuq deċiżjoni awtonoma tal-Istat Membru, ma jkun hemm l-ebda konnessjoni diretta bejn id-deċiżjoni tal-Kummissjoni u r-rikorrent.

55. F'dan il-każ mhux ikkontestat li l-Gvern Taljan ma kienx obbligat li jitlob lill-Ente li trodd lura l-għajnuna Komunitarja. Huwa kien liberu li jiddeċiedi li jassumi huwa stess ir-rimbors lill-ERDF u li jipprovdi l-fondi tiegħu għall-parti tal-għajnuna Komunitarja hekk irrilaxxata biex tiġi ffinanzjata t-tlestija tax-xogħlijiet. Ma kellu l-ebda obbligu taħt id-dritt Komunitarju li jirkupra l-fondi mingħand l-Ente, kif il-Kummissjoni indikat b'mod espliċitu fid-deċiżjoni kkontestata.

56. Kif qal tajjeb l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Regione Siciliana, dan jirrifletti l-istruttura komplessa tar-relazzjonijiet involuti fl-amministrazzjoni tal-fondi strutturali [19]. Dan ipoġġi lill-Istati Membri f'pożizzjoni determinanti, u għalhekk sussidju min-naħa tal-ERDF joħloq relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru [20]. Min-naħa tal-Kummissjoni, il-proġetti ssussidjati huma għalhekk proġetti tal-Istat Membru. Għaldaqstant huwa l-Istat Membru li għandu jiddeċiedi jekk ikomplix il-proġett tal-infrastruttura meta l-Komunità twaqqaf l-għajnuna finanzjarja tagħha.

57. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li din il-libertà tal-Istat Membru fl-implementazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet irrilevanti billi, qabel l-għoti tad-deċiżjoni kkontestata, il-Gvern Taljan kien esprima l-intenzjoni tiegħu li ma jassumix hu stess il-ħlas tal-ammont irkuprat iżda jirkuprah mingħand l-Ente. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-kwistjoni ta' jekk l-Italja tagħmilx il-ħlasijiet relattivi li ma jkunux se jitħallsu mill-ERDF mill-baġit tal-Istat hija purament teoretika.

58. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għal sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fejn kienet diġà laqgħet, fir-rigward ta' deċiżjonijiet diskrezzjonali interposti min-naħa tad-destinatarju, eċċezzjoni fil-każijiet fejn kien ċar mill-bidu li r-rikorrent kellu jħallas

17 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummmissjoni (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 28) u l-ġurisprudenza ċċitata.

18 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer ippreżentati fit-12 ta' Jannar 2006, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (C-417/04 P, Ġabra p. I-3881, punt 76).

19 — Ara l-konklużjonijiet fil-Kawża Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 80).

20 — Ara l-konklużjonijiet fil-Kawża Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 84).

wara d-deċiżjoni tad-destinatarju. Fejn il-possibbiltà ta' Stat Membru li jimplementa miżura Komunitarja b'mod li ma jpoġġix piż fuq ir-rikorrent hija purament teoretika, peress li mill-bidu ma jkun hemm ebda dubju li l-awtortiajiet nazzjonali jkunu se jimplementaw miżura Komunitarja b'mod differenti għal kollox, ir-rikorrent huwa diġà direttament ikkonċernat mill-miżura Komunitarja [21].

59. Hemm dubju dwar jekk din il-ġurisprudenza tistax tiġi applikata għal sitwazzjoni bħal din fil-każ ineżami fil-kuntest tal-għajnuna mill-ERDF. Fil-każ ineżami, skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza, ma kien hemm ebda dubju li, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-Italja, bħala destinatarja tal-imsemmija deċiżjoni, kienet ser timplementa d-deċiżjoni b'mod li tpoġġi piż fuq l-appellanti. *Prima facie*, jidher għalhekk li huwa possibbli li din il-ġurisprudenza tiġi applikata [22].

60. Madankollu, għandu jiġi nnutat li s-sentenzi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq in-natura purament teoretika tad-diskrezzjoni li d-destinatarju ta' deċiżjoni għandu sabiex jimplementaha, inkwantu ma kienx hemm dubji dwar in-natura ta' din l-implementazzjoni, kienu bbażati fuq sitwazzjonijiet speċifiċi ħafna. Għalhekk hemm dubju dwar kemm dak li ġie deċiż f'dawk il-kawżi għandux neċessarjament jiġi applikat f'każijiet bħal dan ineżami.

61. Fil-kawża li wasslet għas-sentenza Piraiki-Patraiki [23], il-Kummissjoni awtorizzat lil Franza, wara talba ta' din tal-aħħar, tillimita l-importazzjonijiet mill-Greċja mingħajr ma imponiet b'mod ċar fuq Franza obbligu f'dan is-sens. Jidher li l-fatt li d-destinatarju ta' deċiżjoni mogħtija skont talba tiegħu jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu ta' implementazzjoni fis-sens li ma jagħmel l-ebda użu mid-deċiżjoni li huwa talab, huwa fil-fatt purament ipotetiku. F'sitwazzjoni bħal din ma jkunx ġust li tiġi nnegata n-natura diretta ta' obbligu finanzjarju li jirriżulta minn deċiżjoni tal-Kummissjoni minħabba d-diskrezzjoni li d-destinatarju ta' din id-deċiżjoni għandu ġuridikament. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ċerti esportaturi Griegi kellhom *locus standi* biex iressqu proċeduri fir-rigward tal-aspett tal-interess dirett.

62. Fil-kawża Dreyfus [24], abbażi ta' evalwazzjoni globali ta' ċirkustanzi oġġettivi kumplessi ħafna u minħabba l-kuntest soċjoekonomiku ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-konċessjoni ta' finanzjament Komunitarju għall-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli lejn il-Fe-

21 — Sentenzi tas-17 ta' Jannar 1985, S.A Piraiki-Patraiki. *et* vs Il-Kummissjoni (11/82, Ġabra p. 207, punti 8 sa 10), u Dreyfus vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punti 43 *et seq.*).

22 — Anki l-konstatazzjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża li wasslet għas-sentenza Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni jissuġġerixxu li huwa jikkunsidra l-applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza. Fil-fatt huwa jargumenta li l-Kummissjoni ma kinitx taf u ma setgħetx tkun taf minn qabel bl-intenzjoni tal-awtoritajiet Taljani f'dan ir-rigward. Għalhekk, dan l-aspett ma kienx determinanti fis-sentenza mogħtija f'din il-kawża. Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer tat-12 ta' Jannar 2006, fil-Kawża Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punti 77 *et seq.*).

23 — Sentenza Piraiki-Patraiki (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21).

24 — Sentenza Dreyfus vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11).

derazzjoni Russa, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' interess dirett ta' fornitur li, fil-fatt seta' jistenna mill-kontroparti kuntrattwali tiegħu ħlasijiet biss tal-istess daqs tal-għajnuna mogħtija mill-Komunità, minkejja li skont id-dritt privat, dik il-kontroparti kienet obbligata tagħmel ħlasijiet ikbar. Anki f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat il-possibbiltà purament ipotetika li l-kontroparti kuntrattwali tar-rikorrent twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha u għalhekk titlef, b'dan il-mod, il-finanzjament Komunitarju tagħha, bħala tant improbabbli li kkunsidrat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni bħala li timponi piż dirett fuq il-fornitur rikorrent fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament individwali.

63. Fiż-żewġ kawżi, l-evalwazzjoni tal-fatti wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex taċċetta eċċezzjonijiet ristretti ħafna għall-prinċipju li, fil-każ li d-destinatarju tad-deċiżjoni jkollu diskrezzjoni, it-terz ma jkunx ikkonċernat direttament mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

64. Iżda dan il-każ huwa differenti. B'differenza mill-kawżi msemmija, mill-kumpless taċ-ċirkustanzi oġġettivi tal-każ ma jistax ikun hemm konklużjonijiet daqstant konvinċenti fir-rigward tal-imġiba suċċessiva tad-destinatarju tad-deċiżjoni, speċjalment billi l-Italja stess għandha sehem mill-Ente. Tista' ssir riferenza biss għad-dikjarazzjoni suġġettiva tal-awtoritajiet Taljani. Din mhijiex vinkolanti u bl-ebda mod ma tipprekludi lill-Istat Taljan milli ma jirkuprax jew iħallas għall-għajnuna għall-Ente mir-riżorsi tiegħu stess. F'dan l-isfond, ma tantx huwa konvinċenti li wieħed jassumi, sempliċement fuq bażi ta' dikjarazzjoni tal-Istat Taljan li għandu l-ħsieb li jirkupra l-għajnuna mill-Ente, li l-Ente hija kkonċernata direttament [25]. Minbarra dan, Stat Membru jkun jista' għalhekk, permezz ta' dikjarazzjoni ta' aġir futur li ma jorbotx legalment, jiddeċiedi jekk il-persuna kkonċernata għandhiex *locus standi* biex tiftaħ proċeduri fil-qrati Komunitarji.

65. Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Ente mhijiex ikkonċernata direttament billi l-Istat Taljan ma kienx obbligat jirkupra l-għajnuna mill-Ente.

66. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li r-rikonoxximent tagħha tal-*locus standi* tal-Ente kien ikkonfermat ukoll mill-fatt li d-deċiżjoni tal-għoti pprovdiet għas-smigħ tal-Ente qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' waqfien tal-għajnuna mill-ERDF. Wieħed għandu jaqbel mal-Qorti tal-Prim'Istanza li dan is-smigħ obbligatorju jagħti lill-Ente, fil-kuntest tal-proċedura, pożizzjoni iktar b'saħħitha minn dik li kellhom ir-rikorrenti fil-kawżi Regione Siciliana. Madankollu, mis-sempliċi smigħ ta' terz, intiż biex jiggarantixxi bażi konkreta għal deċiżjoni tal-Kummissjoni indirizzata lil Stat Membru, ma jistax jirriżulta dritt awtonomu ta' azzjoni kontra deċiżjoni

25 — Ara, f'dan ir-rigward, id-digriet tas-6 ta' Ġunju 2002, SLIM Sicilia vs Il-Kummissjoni (T-105/01, Ġabra p. II-2697, punt 52), li ma jikkunsidrax intenzjoni murija minn Stat Membru bħala suffiċjenti.

fil-mertu meta t-terz li għandu jkollu l-possibbiltà li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu ma jkunx, bħal f'dan il-każ, ikkonċernat direttament mill-kontenut tad-deċiżjoni.

67. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk dan in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-*locus standi* jikkostitwixxix nuqqas milli ssir ġustizzja. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-individwi għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-ordinament ġuridiku Komunitarju jagħtihom [26].

68. Il-protezzjoni ġudizzjarja tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ma jistgħux jippreżentaw rikors direttament, minħabba r-rekwiżiti tal-ammissibbiltà taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, kontra atti Komunitarji bħad-deċiżjoni kkontestata, għandha tiġi ggarantita b'mod effikaċi permezz ta' rimedji ġudizzjarji quddiem il-qrati nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat li dawn huma, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit mill-Artikolu 10 KE, marbuta li jinterpretaw u li japplikaw, sa fejn huwa possibbli, ir-regoli tal-proċedura interni li jirregolaw l-eżerċizzju tal-kawżi b'mod li jippermettu lill-persuni msemmija jikkontestaw, quddiem il-qrati, il-legalità ta' kull deċiżjoni jew ta' kull miżura nazzjonali oħra li tirrigwarda l-applikazzjoni fil-konfront tagħhom ta' att Komunitarju bħal dak fil-kawża preżenti, billi dawn iqajmu l-invalidità tagħha u b'hekk iwasslu lil dawn il-qrati sabiex jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward permezz tad-domandi preliminari [27].

69. Bħala konklużjoni, hemm lok li jiġi deċiż li r-rikors tal-Ente kien diġá inammissibbli fl-ewwel istanza minħabba nuqqas ta' *locus standi*. Għaldaqstant l-appell tal-Kummissjoni huwa fondat

B — *L-appell tal-Ente per le ville vesuviane*

70. Fid-dawl tal-inammissibbiltà tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza mill-Ente, l-appell tagħha mill-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tirrigwarda l-fondatezza ta' dan ir-rikors huwa issa mingħajr skop, b'tali mod li m'hemmx lok li jiġi eżaminat [28]. Minn dan isegwi li m'hemmx iktar lok li dan jiġi deċiż.

71. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel evalwazzjoni differenti dwar l-ammissibbiltà tar-rikors, se neżamina sussidjarjament, fil-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, il-kwistjoni tal-fondatezza tal-appell tal-Ente.

26 — Ara s-sentenza tal-1 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Jégo-Quéré (C-263/02 P, Ġabra p. I-3425, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 — Sentenza tat-22 ta' Marzu 2007, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 39, li tirreferi għas-sentenza Kummissjoni vs Jégo-Quéré, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punti 30 sa 32).

28 — Ara s-sentenza tat-22 ta' Marzu 2007, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 44).

1. Eżami sussidjarju tal-aggravji tal-appell

a) L-ewwel aggravju tal-appell

72. Bl-ewwel aggravju tagħha, l-Ente tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' liġi, evalwazzjoni insuffiċjenti tal-fatti u nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tal-Artikolu 12 tar-Regolament 4254/88. Dan l-artikolu jipprovdi t-termini li fih talbiet għall-ħlas għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni biex ikunu eliġibbli għall-kunsiderazzjoni. L-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament jipprovdi għal eċċezzjoni għal dan it-terminu għal proġetti li jkunu sospiżi għal raġunijiet ġudizzjarji.

73. Fil-fehma tal-Ente, l-estensjoni tat-terminu tapplika għall-proġett kollu anki jekk ir-regola derogatorja prevista fl-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88 tirrigwarda biss parti mill-proġett awtorizzat, jiġifieri għal villa waħda mit-tliet vilel.

74. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament ikkunsidrat li r-regola derogatorja tapplika biss, sa fejn il-proġett seta' jiġi diviż, għal dawk il-partijiet minnu li huma sospiżi għal raġunijiet ġudizzjarji. Il-possibbiltà li t-terminu jiġi estiż hija eċċezzjoni għall-prinċipju li t-talbiet kollha għall-ħlas għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni f'perijodi fissi. Għalhekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet korretta meta sostniet li l-estensjoni tat-terminu li hemm fl-Artikolu 12 għandha tiġi interpretata strettament. Ippjanar finanzjarju xieraq u affidabbli tar-riżorsi tal-ERDF jeżiġi kontabbiltà espedjenti tal-fondi. Meta proġett jista' jiġi diviż u r-regola derogatorja prevista fl-Artikolu 12 tal-imsemmi regolament tapplika biss għal parti mill-proġett, l-obbligu li tiġi stabbilita, fit-termini pprovduti, il-kontabbiltà tal-partijiet tal-proġett diġà eżegwiti huwa għalhekk applikabbli bis-sħiħ.

75. L-allegazzjoni tal-Ente li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball meta assumiet li l-proġett approvat seta' jinqasam għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli billi hija intiża sabiex tiġi mistħarrġa konstatazzjoni ta' fatt li għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza. Barra minn hekk, ma nara l-ebda element kontra l-kontabbiltà separata tax-xogħlijiet fir-rigward ta' kull waħda mill-vilel.

76. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appell għandu jiġi miċħud.

b) It-tieni aggravju tal-appell

77. Bit-tieni aggravju tagħha, l-Ente tilmenta li l-Kummissjoni ma tathiex il-possibbiltà li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

78. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li permezz tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni tal-għoti, l-Ente ngħatat id-dritt li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha. Fil-fatt dan l-artikolu jipprovdi li l-Kummissjoni ma tistax tiddeċiedi li twaqqaf jew tirkupra l-għajnuna Komunitarja qabel ma tkun semgħet lill-benefiċjarju.

79. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tosserva wkoll li l-Kummissjoni ma semgħetx lill-Ente qabel ma tat id-deċiżjoni kkontestata u b'hekk kisret id-drittijiet tad-difiża tagħha. Madankollu, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, dan il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-appellanti ma jiġġustifikax l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata għaliex fil-fatt ma setax jinfluwenza l-kontenut tagħha.

80. Fl-ewwel istanza, l-Ente fil-fatt ma qajmet l-ebda oġġezzjoni rilevanti li kienet twassal lill-Kummissjoni sabiex tadotta deċiżjoni differenti.

81. L-Ente ssostni, f'dan ir-rigward, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ikkunsidrat b'mod żbaljat li x-xogħlijiet ta' Villa Ruggero kienu diġà tlestew fl-1992. L-Ente tallega li ppreżentat lill-Qorti tal-Prim'Istanza dokumenti eżawrjenti li minnhom jirriżulta li x-xogħlijiet ta' Villa Ruggero kienu ġew sospiżi għal raġunijiet ġudizzjarji tal-anqas bejn l-1989 u l-aħħar tal-1996.

82. Qabelxejn, għandu jingħad li l-kwistjoni ta' meta tlestew ix-xogħlijiet ta' Villa Ruggero u x'kienu r-raġunijiet ta' preklużjoni taqa' fil-kamp tal-evalwazzjoni tal-fatti li hija rriżervata esklużivament għall-Qorti tal-Prim'Istanza u din, bħala prinċipju, ma tistax tkun is-suġġett ta' appell.

83. B'mod eċċezzjonali, huwa biss meta l-evalwazzjoni tal-fatti min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza twassal għal żnaturament tal-provi li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza.

84. Fil-każ ineżami, mhuwiex meħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-konstatazzjonijiet fattwali min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar meta x-xogħlijiet ta' Villa Ruggero tlestew jikkostitwixxux żnaturament tal-provi. Fil-fatt, anki jekk wieħed jassumi li mid-dokumenti ppreżentati lill-Qorti tal-Prim'Istanza jirriżulta mingħajr dubju li dawn ix-xogħlijiet ma tlestewx fl-1992 iżda, kif l-Ente sostniet, dawn ix-xogħlijiet ġew sospiżi sal-aħħar tal-1996 għal raġunijiet ġudizzjarji, jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni setgħet twaqqaf l-għajnuna

mill-ERDF fl-2002, meta adottat id-deċiżjoni kkontestata, minħabba li ma kinux ġew ippreżentati l-kontijiet fit-termini previsti. Fil-fatt, min-natura derogatorja restrittiva, deskritta iktar 'il fuq, tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 4254/88 fir-rigward tat-termini previsti, jirriżulta li, fi kwalunkwe każ, il-proġett kellu jiġi eżegwit u suġġett għal kontabbiltà immedjatament wara li ma jkunx għad hemm ir-raġunijiet ġudizzjarji li ġġustifikaw is-sospensjoni. Madankollu, l-Ente ma invokatx eżekuzzjoni bħal din u kontabbiltà immedjata tagħha u, barra minn hekk, ma ressqet ebda provi fir-rigward ta' dewmien inevitabbli tax-xogħlijiet sa wara s-sena 2000.

85. Għalhekk, dan l-aggravju tal-appell mhuwiex ta' natura li jqiegħed f'dubju s-sentenza appellata. Ladarba ma jistax jagħmel dan, dan l-aggravju ma jistax jilħaq l-għan previst mill-appell u għalhekk huwa infondat.

86. Għalhekk, it-tieni aggravju tal-Ente għandu wkoll jiġi miċħud.

2. Konklużjoni intermedjarja fuq l-appell ippreżentat mill-Ente

87. Għandu jiġi konkluż li m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni għall-appell miġjub mill-Ente.

## VII — Spejjeż

88. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell taħt l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Skont l-Artikolu 69(6) ta' dawn ir-regoli, li huwa wkoll applikabbli għall-proċedura tal-appell taħt l-imsemmi Artikolu 118, fil-każ fejn m'hemmx lok għal deċiżjoni dwar il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

89. Peress li l-Kummissjoni għamlet it-talba għall-kundanna tal-Ente għall-ispejjeż u l-Ente tilfet il-kawża fil-kuntest tal-appell ippreżentat mill-Kummissjoni, hemm lok li l-Ente tiġi kkundannata għall-ispejjeż tal-appell.

90. Peress li l-appell tal-Ente ġie meqjus mingħajr skop minħabba li l-appell tal-Kummissjoni nstab fondat; hemm lok ukoll li l-Ente tiġi kkundannata għall-ispejjeż inkorsi fil-kuntest tal-appell tagħha.

91. Peress li l-Kummissjoni talbet ukoll il-kundanna tal-Ente għall-ispejjeż tal-proċedura tal-ewwel istanza u peress li r-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, hemm lok li l-Ente tiġi kkundannata għall-ispejjeż tal-proċedura tal-ewwel istanza.

## VIII — Konklużjoni

92. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiddikjara li:

1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-18 ta' Lulju 2007, Ente per le Ville vesuviane vs Il-Kummissjoni (T-189/02), hija annullata.

2) Ir-rikors għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni D (2002) 810111, tat-13 ta' Marzu 2002, li permezz tagħha l-Kummissjoni ddeċidiet li twaqqaf l-għajnuna finanzjarja mill-ERDF, ippreżentat mill-Ente per le Ville vesuviane, huwa miċħud bħala inammissibbli.

3) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fir-rigward tal-appell ippreżentat mill-Ente per le Ville vesuviane kontra s-sentenza msemmija fil-punt 1 ta' dan id-dispożittiv.

4) L-Ente per le Ville vesuviane hija kkundannata għall-ispejjeż ta' din l-istanza kif ukoll għall-ispejjeż tal-proċedura tal-ewwel istanza.